MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2005

Rikors Ta Revoka Numru. 388/2005

**Wara l-Mandat ta' Inibizzjoni tas-Safar Numru 184/05TM maħruġ fid-9 ta' Novembru, 2005, fl-ismijiet:**

**Mario FARRUĠIA**

**vs**

**Netty FARRUĠIA**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutata Netty Farruġia fl-1 ta' Diċembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti tħassar *contrario imperio* l-Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tħalliha ssiefer minn Malta ma' wliedha, u kif ukoll li tikkundanna lill-intimat eżekutant li jħallas penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(ċ) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2005, li bih appuntat ir-rikors għas-smigħ ghas-6 ta' Diċembru, 2005;

Rat illi l-intimat laqa' l-atti tar-Rikors fit-12 ta' Diċembru, 2005;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2005, li fih l-intimat eżekutant fisser il-kontestazzjoni tiegħu għat-talba tar-rikorrenti bħala msejsa fuq il-kwestjonijiet pendenti bejnu u martu r-rikorrenti dwar il-konvivenza ta' xi wieħed minnhom ma' persuna tas-sess oppost, u kif ukoll dwar il-garanzija li l-ulied minuri jittellgħu u jitrabbew fit-Twemmin Nisrani. Huwa jżid jgħid li r-rikorrenti kienet għarrfitu li kellha ssiefer ma' raġel li hija qegħda tgħix miegħu u li kienet fi ħsiebha tieħu magħha lit-tfal. Fl-aħħar nett semma wkoll kliem li qal li qaltlu t-tifla l-kbira (li għadha wkoll taħt l-eta') fis-sens li hija tixtieq tħalli Malta u taħdem fl-Awstrija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha u d-dgreit tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2005;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti jidher li tqis bħala fieragħ il-ħruġ tal-Mandat fil-konfront tagħha u dan għaliex tgħid li r-raġunijiet li għalihom żewġha l-intimat talab il-ħruġ tiegħu ma kinux jimmeritaw il-ħruġ tal-istess Mandat skond il-liġi. Hija tqis li l-Mandat għandu jitħassar għaliex waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti[1]; li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv[2] u wkoll għaliex fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat jew parti minnu jew li m'huwiex iżjed mistħoqq jew meħtieġ li jinżamm fis-seħħ[3];

Illi jirriżulta li bejn il-partijiet għaddejjin proċeduri ta' firda personali, u qegħdin isiru tentativi biex din il-firda ssir bonarjament bi ftehim. Il-partijiet jgħixu għal rashom. Miż-żwieġ tnisslu tliet ulied bniet li llum huma lkoll *teen agers*. L-ulied jgħixu mar-rikorrenti. Kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat jidher li qegħdin ifittxu biex jistabilixxu relazzjoni personali stabbli ma' persuna oħra. Il-Mandat li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir inħareġ fid-9 ta' Novembru, 2005;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[4]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li llum il-ġurnata jagħmlu parti minn proċeduri oħrajn li qegħdin jinstemgħu minn din il-Qorti fuq atti oħrajn li tressqu mill-intimat[5];

---

[1] Art 836(1)(b) tal-Kap 12
[2] Art. 836(1)(d) tal-Kap 12
[3] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12
[4] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[5] Rikors Nru. 135 /05 , Dok "MF1", f'paġġ. 7-9 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qegħda tibnihom fuq kawżali speċifiċi msemmija mil-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6]. F'dan il-każ ukoll, b'mod partikolari, u minħabba li l-att ġudizzjarju jolqot persuni li huma taħt l-eta', il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha l-aktar x'inhu l-aħjar interess tal-ulied[7];

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Ir-rikorrenti ma fissritx liema hi dik il-ħtieġa li trid il-liġi fil-Mandat maħruġ kontriha mill-intimat li ma baqgħetx teżisti minn mindu nħareġ il-Mandat sakemm inbdew dawn il-proċeduri. Jekk il-mottiv dikjarat mill-intimat eżekutant meta talab il-ħruġ tal-Mandat kien dak marbut mar-rikors numru 135/05 li huwa ressaq quddiem din il-Qorti u għadu qiegħed jitqies minnha, ma jistax ikun li wieħed jgħid li dik il-ħtieġa llum intemmet. Dan il-fatt huwa aċċettat mir-rikorrenti nfisha fir-Rikors tagħha. Lanqas ma jista' jingħad li l-ulied li dwarhom inħareġ il-Mandat m'għadhomx minuri, għaliex l-eta' tagħhom turi li għadhomtaħt l-eta'. Għall-kuntrarju, kif jgħid l-intimat, dak li wasslu biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat kien il-jedd tiegħu li jippretendi li fl-aħjar interess ta' wliedu li, sakemm l-ilment u t-talba tiegħu jiġu determinati mill-Qorti, hu jqiegħed fiż-żgur dak il-jedd bil-ħruġ ta' att kawtelatorju[8]. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

---

[6] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[7] Art. 47 tal-Kap 16
[8] Art. 829 tal-Kap 12

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-intimat tassew għandu pretensjoni ta' dritt (għalkemm kontestat għall-aħħar mir-rikorrenti), li l-Mandat inħareġ biex iħares tali pretensjoni, u li l-intimat, taħt ir-responsabbilta' tiegħu ħareġ l-imsemmi Mandat. u ressaq l-att ġudizzjarju meħtieġ dwar tali pretensjoni. Dan kollu jiżdied mal-prinċipji aċċettati li huwa jedd ta' kull persuna li tressaq pretensjoni ta' jedd li hija tgħid li hija ġiet imċaħħda minnu b'azzjoni xierqa quddiem Qorti kompetenti; li min jeżerċita jedd li jispetta lilu ma jitqiesx responsabbili għall-ħsara li jġarrab ħaddieħor b'konsegwenza ta' eżerċizzju bħal dak; li l-jedd taċ-ċittadin li jersaq lejn il-Qrati m'għandux jiġi abbużat; li l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri quddiem Qorti tiġi mwarrba ma jfissirx li sar abbuż tad-dritt li wieħed jersaq lejn il-Qorti[9];

Illi, għalhekk, il-Qorti ma tarax li r-rikorrenti seħħilha turiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>Il-kawżali li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti qegħda ssejjes it-talba tagħha fuq kawżali bħal din. Il-Mandat inħareġ biex iżomm tfal taħt l-eta' milli jittieħdu minn Malta. Ma jissemma l-ebda ammont fil-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma li fejn jidħlu l-ulied jew il-jeddijiet tagħhom, wieħed ma jistax jitkellem dwar "ammont". Il-jeddijiet tal-ulied jew tal-ġenituri tagħhom dwarhom, m'għandhomx jissarrfu f'somom ta' flus. Minbarra dan, wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[10];

Illi għal dawn ir-raġunijiet ukoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali jmissha tiġi milqugħa;

[9] Ara P.A. JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri***
[10] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[11];

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis fil-mertu l-kwestjoni msemmija mill-intimat fir-rikors tiegħu bħala waħda mhix mistħoqqa, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat kien inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[12]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimata eżekutati;

Illi, madankollu, il-każ li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti jippreżentaw ċirkostanza singolari. Din toħroġ mill-fatt li l-intimat jgħid li r-rikorrenti fi ħsiebha ssiefer ma' wliedha flimkien ma' raġel li hija diġa' qegħda tgħix miegħu. Għall-Qorti, filwaqt li hija tqis bħala ta' min ifaħħarha x-xewqa li ulied ma jitħallewx jitħassru bil-preżenza jew imġiba ta' persuna barranija ta' sess oppost ma' xi wieħed mill-ġenituri, ma tistax fl-istess waqt ma tinnotax li f'dan il-każ ma kienx hemm għalfejn li jinħareġ il-Mandat biex iżomm lir-rikorrenti milli tagħmel dan. Ukoll kieku l-Qorti kellha s-setgħa li timponi kundizzjoni fuq ir-rikorrenti li hija ma ssifirx b'uliedha flimkien mar-raġel imsemmi, dan ma kien ikollu l-ebda effett, għaliex ma tista' ssir l-ebda impożizzjoni fuq dak ir-raġel li, minn rajh, ma jsifirx huwa wkoll fl-istess post fejn sejra tkun ir-rikorrenti u jiltaqa' magħha hemmhekk;

[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

[12] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi, fuq kollox, jidher li l-qagħda tar-rikorrenti kienet magħrufa mill-intimat sa minn qabel ma hija kienet għarrfitu li kellha ħsieb li ssiefer għall-btala. Jirriżulta wkoll mhux kontestat li, f'okkażjoni preċedenti, l-intimat innifsu siefer għal btala bit-tfal u miegħu kien hemm preżenti fl-istess lukanda mara li mhix martu. Il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li hija ħaġa raġonevoli li mġiba li titqies aċċettabbli għal ġenitur wieħed ma tibqax hekk aktar aċċettabbli għall-ġenitur l-ieħor. Jibqa' dejjem il-piż tar-responsabbilta' fuq kull ġenitur li joqgħod b'seba' għajnejn kif iġib ruħu quddiem uliedu taħt l-eta', u dan kemm jekk ikun jinsab, jew jinżamm, f'Malta u kif ukoll jekk ikun barra minn Malta;

Illi, fl-aħħarnett, hemm ukoll konsiderazzjoni oħra siewja ta' dritt li għandha tissemma, u li sar aċċenn għaliha mill-għaref difensur tar-rikorrenti waqt is-sottomissjonijiet tal-aħħar. Dan huwa l-fatt li llum il-ġurnata, il-prinċipju tal-moviment ħieles tal-persuna huwa pilastru ewlieni tad-dritt Ewropew u, b'konsegwenza, tad-dritt Malti. It-tħaris ta' dan il-prinċipju, fil-parametri tal-ħarsien mill-ħtif li persuna maġġorenni tista' tittanta li tagħmel dwar minuri fil-kustodja jew iż-żamma tagħha, għandu jingħata l-qies mistħoqq minn Qorti Maltija. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ingħatat tagħrif biżżejjed biex temmen li l-għan tal-mawra tar-rikorrenti huwa wieħed maħsub għal ftit jiem ta' btala bil-ħsieb li hija u wliedha jerġgħu lura Malta fi tmiemha. Hemm ukoll il-fatt li r-rikorrenti s'issa għadha stabilita f'Malta b'interessi patrimonjali li ma tistax taqbad u tħallihom warajha. Hemm ukoll il-proċedura pendenti tal-firda personali bejnha u l-intimat li ma jippermettilhiex taqbad u tiddeċiedi li kapriċċjożament ma terġax lura Malta. Fuq kollox, il-Qorti qegħda tqis li l-ulied m'humiex għal kollox dipendenti, ukoll minħabba li l-eta' tagħhom tagħti 'l wieħed x'jaħseb li għandhom moħħ u rieda wkoll. Fil-każ tal-kbira, l-intimat innifsu jistqarr li din diġa' wriet ċerta ħajra li 'l quddiem ma tibqax tgħix f'Malta. L-ebda Mandat ma għandu jintuża biex ixekkel l-aspirazzjonijiet li persuna jkollha dwar il-ġejjieni tagħha meta tkun fil-qagħda li twettaqhom;

Illi, fuq dawn il-mottivi, il-Qorti qegħda għalhekk issib li r-rikorrenti għandha raġuni tajba biex titlob it-tħassir il-Mandat in kwestjoni;

Illi, għar-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti dwar l-impożizzjoni tal-penali fuq l-intimat, il-Qorti ssib li d-dispożizzjoni tal-liġi msemmija mir-rikorrenti ma tgħodd bl-ebda mod għall-każ. Fuq kollox, l-avukat tal-istess rikorrenti ma jidhirx li baqgħet tinsisti fuq din it-talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata Netty Farruġia *nomine* billi:

**Tilqa' t-talba** tagħha, u qegħda tħassar il-Mandat ta' Inibizzjoni tas-Safar numru 184/05 maħruġ minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2005, fl-ismijiet "*Mario Farruġia vs Netty Farruġia*", u dan b'effett mil-lum u għar-raġuni li m'għadux raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li tali Mandat jinżamm fis-seħħ;

**Tiċħad it-tieni talba tagħha**; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' dawn l-atti jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------